Parlament Ewropew
2024-2029

Kumitat għall-Kummerċ Internazzjonali

2025/0726(COD)

24.11.2025

***I
ABBOZZ TA' RAPPORT

dwar il-proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jindirizza l-effetti negattivi relatati mal-kummerċ tal-kapaċità żejda globali fuq is-suq tal-azzar tal-Unjoni
(COM(2025)0726 – C10-0245/2025 – 2025/0726(COD))

Kumitat għall-Kummerċ Internazzjonali

Rapporteur: Karin Karlsbro

Tifsira tas-simboli użati

*	Proċedura ta' konsultazzjoni
***	Proċedura ta' approvazzjoni
***I	Proċedura leġiżlattiva ordinarja (l-ewwel qari)
***II	Proċedura leġiżlattiva ordinarja (it-tieni qari)
***III	Proċedura leġiżlattiva ordinarja (it-tielet qari)

(It-tip ta' proċedura jiddependi mill-bażi ġuridika proposta mill-abbozz ta' att.)

Emendi għal abbozz ta' att

Emendi tal-Parlament f'żewġ kolonni

It-tħassir huwa indikat permezz tat-tipa ***korsiva u grassa*** fil-kolonna tax-xellug. Is-sostituzzjoni hija indikata permezz tat-tipa ***korsiva u grassa*** fiż-żewġ kolonni. It-test ġdid huwa indikat permezz tat-tipa ***korsiva u grassa*** fil-kolonna tal-lemin.

L-ewwel u t-tieni linji tal-intestatura ta' kull emenda jidentifikaw il-parti tat-test ikkonċernata fl-abbozz ta' att inkwistjoni. Meta emenda tirrigwarda att eżistenti, li l-abbozz ta' att ikollu l-ħsieb li jemenda, l-intestatura jkun fiha wkoll it-tielet u r-raba' linji li jidentifikaw rispettivament l-att eżistenti u d-dispożizzjoni kkonċernata f'dak l-att.

Emendi tal-Parlament li jieħdu l-forma ta' test konsolidat

Il-partijiet ġodda tat-test huma indikati permezz tat-tipa ***korsiva u grassa.*** Il-partijiet imħassra tat-test huma indikati permezz tas-simbolu ▌ jew huma ingassati. Is-sostituzzjoni tintwera billi jiġi indikat permezz tat-tipa ***korsiva u grassa*** t-test il-ġdid u billi jitħassar jew jiġi ingassat it-test sostitwit. Bħala eċċezzjoni, it-tibdil ta' natura strettament teknika magħmul mis-servizzi fil-preparazzjoni tat-test finali mhuwiex indikat.

WERREJ

Paġna

ABBOZZ TA' RIŻOLUZZJONI LEĠIŻLATTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW 4

NOTA SPJEGATTIVA 15

ANNESS: ENTITAJIET JEW PERSUNI LI R-RAPPORTEUR IRĊEVIET KONTRIBUT MINGĦANDHOM 17

ABBOZZ TA’ RIŻOLUZZJONI LEĠIŻLATTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW

dwar il-proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jindirizza l-effetti negattivi relatati mal-kummerċ tal-kapaċità żejda globali fuq is-suq tal-azzar tal-Unjoni
(COM(2025)0726 – C10-0245/2025 – 2025/0726(COD))

(Proċedura leġiżlattiva ordinarja: l-ewwel qari)

Il-Parlament Ewropew,

– wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill (COM(2025)0726),

– wara li kkunsidra l-Artikolu 294(2) u l-Artikolu 207(2) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, skont liema artikoli l-Kummissjoni ppreżentat il-proposta lill-Parlament (C10-0245/2025),

– wara li kkunsidra l-Artikolu 294(3) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

– wara li kkunsidra l-Artikolu 60 tar-Regoli ta’ Proċedura tiegħu,

– wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat għall-Industrija, ir-Riċerka u l-Enerġija,

– wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Kummerċ Internazzjonali (A10-0000/2025),

1. Jadotta l-pożizzjoni fl-ewwel qari li tidher hawn taħt;

2. Jitlob lill-Kummissjoni terġa’ tirreferi l-kwistjoni lill-Parlament jekk tibdel il-proposta tagħha, temendaha b’mod sustanzjali jew ikollha l-ħsieb li temendaha b’mod sustanzjali;

3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex tgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni kif ukoll lill-parlamenti nazzjonali.

Emenda 1

Proposta għal regolament
Premessa 15

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(15) Filwaqt li skont ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/159 it-tariffa barra mill-kwota hija stabbilita għal 25 %, b'kunsiderazzjoni tal-livell tat-tariffi fis-settur tal-azzar fi swieq ewlenin oħra, huwa xieraq li l-livell ta' tariffa barra mill-kwota jiġi stabbilit għal dazju ta' 50 % biex jiġi mminimizzat ir-riskju ta' devjazzjoni tal-kummerċ. Dan id-dazju jiżdied ma' dazji oħra li japplikaw għall-kategoriji ta' prodotti koperti minn dan ir-Regolament.	(15) Filwaqt li skont ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/159 it-tariffa barra mill-kwota hija stabbilita għal 25 %, b'kunsiderazzjoni tal-livell tat-tariffi fis-settur tal-azzar fi swieq ewlenin oħra, huwa xieraq li l-livell ta' tariffa barra mill-kwota jiġi stabbilit għal dazju ta' 50 % biex jiġi mminimizzat ir-riskju ta' devjazzjoni tal-kummerċ ***u biex tkun permessa żieda fil-kapaċità tal-produzzjoni***. Dan id-dazju jiżdied ma' dazji oħra li japplikaw għall-kategoriji ta' prodotti koperti minn dan ir-Regolament.

Or. en

Emenda 2

Proposta għal regolament
Premessa 16a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(16a) Dan ir-Regolament jenħtieġ li jiġi implimentat f'konformità sħiħa mal-obbligi tal-Unjoni skont id-WTO. Il-miżura għandha l-għan li tindirizza d-distorsjonijiet tal-kummerċi kkawżati minn kapaċità żejda globali u jenħtieġ li tinftiehem bħala strument biex jiġu restawrati l-kundizzjonijiet għal kummerċ aktar miftuħ u bbażat fuq ir-regoli fil-futur. L-objettiv fit-tul tal-Unjoni huwa li dak l-istrument jiffaċilita liberalizzazzjoni akbar ladarba jiġu normalizzati l-kundizzjonijiet tas-suq.

Or. en

Emenda 3

Proposta għal regolament
Premessa 20a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(20a) Sabiex tiġi żgurata l-kontinwità u jiġu evitati l-interruzzjonijiet tal-provvista, jenħtieġ li jiġi permess ir-riport ta' volumi tal-kwota tariffarja trimestrali mhux użati għat-trimestru ta' wara. Dan jipprovdi l-flessibbiltà operazzjonali meħtieġa filwaqt li jżomm l-effettività ġenerali tal-miżura.

Or. en

Emenda 4

Proposta għal regolament
Premessa 21

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(21) Sabiex jiġi żgurat li l-miżura tkun effettiva fl-indirizzar tal-effetti tal-kapaċità żejda globali, u fid-dawl tal-ispeċifiċitajiet tal-prodotti tal-azzar u tat-tekniki moderni tal-produzzjoni u tal-provvista, huwa importanti li jiġi identifikat il-pajjiż "tat-tidwib u tat-tferrigħ". Il-pajjiż "tat-tidwib u tat-tferrigħ" jirreferi għall-post oriġinali fejn l-azzar mhux maħdum u l-ħadid huma inizjalment prodotti f'forma likwida f'forn li jagħmel l-azzar jew il-ħadid u sussegwentement fondut fl-istat solidu primarju tiegħu. Dan l-istat solidu primarju jista' jinkludi jew prodott nofsu lest, inkluż iżda mhux limitat għal ċangaturi, billetti, jew ingotti, jew prodott lest ta' fabbrika tal-azzar. It-talba għal evidenza tal-pajjiż	(21) Sabiex jiġi żgurat li l-miżura tkun effettiva fl-indirizzar tal-effetti tal-kapaċità żejda globali, u fid-dawl tal-ispeċifiċitajiet tal-prodotti tal-azzar u tat-tekniki moderni tal-produzzjoni u tal-provvista, huwa importanti li jiġi identifikat il-pajjiż "tat-tidwib u tat-tferrigħ". Il-pajjiż "tat-tidwib u tat-tferrigħ" jirreferi għall-post oriġinali fejn l-azzar mhux maħdum u l-ħadid huma inizjalment prodotti f'forma likwida f'forn li jagħmel l-azzar jew il-ħadid u sussegwentement fondut fl-istat solidu primarju tiegħu. Dan l-istat solidu primarju jista' jinkludi jew prodott nofsu lest, inkluż iżda mhux limitat għal ċangaturi, billetti, jew ingotti, jew prodott lest ta' fabbrika tal-azzar. It-talba għal evidenza tal-pajjiż

“tat-tidwib u tat-tferrigħ” se tevita li l-azzar prodott f’ċerti pajjiżi li jikkontribwixxi għall-kapaċità żejda globali jidħol bla bżonn fis-suq tal-Unjoni wara trasformazzjoni ulterjuri f’pajjiżi oħra u se jżid it-trasparenza fil-katina tal-provvista domestika għall-importazzjonijiet tal-azzar.	“tat-tidwib u tat-tferrigħ” se tevita li l-azzar prodott f’ċerti pajjiżi li jikkontribwixxi għall-kapaċità żejda globali jidħol bla bżonn fis-suq tal-Unjoni wara trasformazzjoni ulterjuri f’pajjiżi oħra u se jżid it-trasparenza fil-katina tal-provvista domestika għall-importazzjonijiet tal-azzar. ***Dik it-talba għal evidenza jenħtieġ li ssir b’tali mod li tillimita l-piż amministrattiv kemm jista’ jkun, u li tiffaċilita l-konformità tal-intrapriżi żgħar u ta’ daqs medju (SMEs).***

Or. en

Emenda 5

Proposta għal regolament
Premessa 21a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(21a) L-importazzjonijiet ta’ prodotti li għalihom l-azzar ikun ġie mdewweb u mferra’ fil-Federazzjoni Russa jew fil-Belarussja jenħtieġ li ma jingħatawx aċċess għas-suq tal-Unjoni u jenħtieġ li ma jibbenefikaw minn ebda kwota tariffarja. Għaldaqstant, dawn il-prodotti kollha jenħtieġ li jkunu soġġetti għal projbizzjoni awtomatika fil-fruntieri esterni tal-Unjoni.

Or. en

Emenda 6

Proposta għal regolament
Premessa 25a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(25a) F’konformità mal-impenn tal-Unjoni li tappoġġa l-ekonomija tal-

Ukrajna waqt il-gwerra ta' aggressjoni li għaddejja kontriha u mar-Regolament (UE) 2025/1153 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[1a], l-importazzjonijiet li joriġinaw fl-Ukrajna jenħtieġ li jiġu eżentati bis-sħiħ sakemm dak il-pajjiż ikun qed jiffaċċja sitwazzjoni ta' sigurtà eċċezzjonali u immedjata.

[1a] Ir-Regolament (UE) 2025/1153 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' Ġunju 2025 li jissospendi ċerti dispożizzjonijiet tar-Regolament (UE) 2015/478 fir-rigward tal-importazzjonijiet ta' prodotti Ukreni fl-Unjoni (ĠU L, 2025/1153, 5.6.2025, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2025/1153/oj).

Or. en

Emenda 7

Proposta għal regolament
Premessa 26

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(26) Jenħtieġ li l-Kummissjoni tivvaluta sa mhux aktar tard minn ***sentejn wara l-adozzjoni*** ta' dan ir-Regolament il-ħtieġa li taġġusta l-ambitu tal-prodotti koperti minn dan ir-Regolament u jekk jitqies meħtieġ, jenħtieġ li tikkunsidra li tagħmel proposta leġiżlattiva biex iżżid prodotti tal-azzar ***addizzjonali***, inklużi prodotti li huma magħmula minn jew li fihom ammont sinifikanti ta' azzar.	(26) Jenħtieġ li l-Kummissjoni tivvaluta sa mhux aktar tard minn ***sena mid-dħul fis-seħħ*** ta' dan ir-Regolament il-ħtieġa li taġġusta l-ambitu tal-prodotti koperti minn dan ir-Regolament u jekk jitqies meħtieġ, jenħtieġ li tikkunsidra li tagħmel proposta leġiżlattiva biex iżżid ***jew tneħħi*** prodotti tal-azzar, inklużi prodotti li huma magħmula minn jew li fihom ammont sinifikanti ta' azzar. ***Sabiex tiġi żgurata l-effettività ta' dan ir-Regolament, huwa essenzjali għall-valutazzjoni li jiġi evalwat b'attenzjoni jekk il-problemi li dan ir-Regolament għandu l-ħsieb li jindirizza humiex qed jiġu solvuti jew humiex qed jiġu spostati b'mod mhux intenzjonat aktar 'l isfel fil-katina tal-valur.***

Or. en

Emenda 8

Proposta għal regolament
Premessa 26a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(26a) Il-Kummissjoni jenħtieġ li tfassal rapport annwali dwar l-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament u tippreżentah lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill. Jenħtieġ li dak ir-rapport annwali jinkludi, fost l-oħrajn, informazzjoni dwar l-użu u l-evoluzzjoni tal-kwoti u l-kategorija u l-ammont ta' importazzjoni li taqa' taħt id-dazju ta' 50 %. Ir-rapport annwali jenħtieġ li jsir pubbliku.

Or. en

Emenda 9

Proposta għal regolament
Premessa 27

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(27) Qabel ***l-1 ta' Lulju 2031***, u kull ***ħames snin*** minn hemm 'il quddiem, jenħtieġ li l-Kummissjoni tevalwa l-evoluzzjoni tal-parametri ewlenin li ġġustifikaw l-adozzjoni ta' dan ir-Regolament, inklużi l-evoluzzjoni u x-xejriet tal-kapaċità żejda globali, kif ukoll l-effetti tagħha fuq is-suq tal-azzar. Jenħtieġ li l-Kummissjoni tirrieżamina wkoll is-sitwazzjoni tal-miżuri restrittivi għall-kummerċ ta' pajjiżi terzi fuq l-azzar u l-implikazzjonijiet u l-effetti li jista' jkollhom, jew li x'aktarx ikollhom, f'termini ta' riskju ta' devjazzjoni tal-kummerċ fis-suq tal-Unjoni. Barra minn hekk, jenħtieġ li l-Kummissjoni tanalizza	(27) Qabel ***l-aħħar tat-tieni sena mid-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament***, u kull ***sentejn*** minn hemm 'il quddiem, jenħtieġ li l-Kummissjoni tevalwa l-evoluzzjoni tal-parametri ewlenin li ġġustifikaw l-adozzjoni ta' dan ir-Regolament, inklużi l-evoluzzjoni u x-xejriet tal-kapaċità żejda globali, kif ukoll l-effetti tagħha fuq is-suq tal-azzar ***u l-ktajjen tal-valur downstream***. Jenħtieġ li l-Kummissjoni tirrieżamina wkoll is-sitwazzjoni tal-miżuri restrittivi għall-kummerċ ta' pajjiżi terzi fuq l-azzar u l-implikazzjonijiet u l-effetti li jista' jkollhom, jew li x'aktarx ikollhom, f'termini ta' riskju ta' devjazzjoni tal-

wkoll is-sitwazzjoni li tikkonċerna l-eżistenza ta' politiki u prattiki mhux tas-suq f'pajjiżi terzi u l-impatt tagħhom fuq is-suq tal-azzar tal-Unjoni. Jenħtieġ li l-Kummissjoni tivvaluta wkoll l-evoluzzjoni tal-prestazzjoni ekonomika tal-industrija tal-azzar tal-Unjoni kif ukoll l-evoluzzjoni tal-proġetti ta' dekarbonizzazzjoni tagħha,	kummerċ fis-suq tal-Unjoni. Barra minn hekk, jenħtieġ li l-Kummissjoni tanalizza wkoll is-sitwazzjoni li tikkonċerna l-eżistenza ta' politiki u prattiki mhux tas-suq f'pajjiżi terzi u l-impatt tagħhom fuq is-suq tal-azzar tal-Unjoni. Jenħtieġ li l-Kummissjoni tivvaluta wkoll l-evoluzzjoni tal-prestazzjoni ekonomika tal-industrija tal-azzar tal-Unjoni***, inklużi l-livell tal-prezzijiet u l-assorbiment tal-kapaċità,*** kif ukoll l-evoluzzjoni tal-proġetti ta' dekarbonizzazzjoni tagħha,
	Or. en

Emenda 10

Proposta għal regolament
Artikolu 1a – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-Artikolu 1 ma għandux japplika għal prodotti li joriġinaw fin-Norveġja, fl-Iżlanda ***jew*** fil-Liechtenstein.	L-Artikolu 1 ma għandux japplika għal prodotti li joriġinaw fin-Norveġja, fl-Iżlanda***,*** fil-Liechtenstein***, u ma għandux japplika għal pajjiżi kandidat sakemm dak il-pajjiż ikun qed jiffaċċja sitwazzjoni ta' sigurtà eċċezzjonali u immedjata***.
	Or. en

Emenda 11

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. Il-volumi tal-kwota tariffarja mhux użati fi tliet xhur ***ma għandhomx*** jiġu riportati għat-trimestru ta' wara.	4. Il-volumi tal-kwota tariffarja mhux użati fi tliet xhur ***għandhom*** jiġu riportati għat-trimestru ta' wara.
	Or. en

Emenda 12

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 4a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	4a. Il-miżuri skont dan ir-Regolament għandhom jiġu applikati b'mod li jkun konsistenti mar-regoli tad-WTO u ma għandhomx jirrestringu l-kummerċ lil hinn minn dak li huwa strettament meħtieġ biex jiġu indirizzati l-effetti negattivi tal-kapaċità żejda globali bħala riżultati ta' kundizzjonijiet inġusti fis-suq.

Or. en

Emenda 13

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Fil-mument tal-importazzjoni, l-importaturi għandhom jipprovdu evidenza xierqa***, bħal ċertifikat tal-fabbrika li jagħti*** prova tal-pajjiż "tat-tidwib u tat-tferrigħ" tal-azzar użat fil-produzzjoni tal-prodott.	2. Fil-mument tal-importazzjoni, l-importaturi għandhom jipprovdu evidenza xierqa ***biex jagħtu*** prova tal-pajjiż "tat-tidwib u tat-tferrigħ" tal-azzar użat fil-produzzjoni tal-prodott.

Or. en

Emenda 14

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 2a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	2a. Id-dokumenti li ġejjin għandhom, fost l-oħrajn, jikkostitwixxu "evidenza xierqa" għall-finijiet ta' dan l-Artikolu:
	(a) ċertifikati tal-fabbrika;

(b) fatturi;

(c) noti tal-kunsinna;

(d) ċertifikati tal-kwalità;

(e) dikjarazzjonijiet fit-tul mill-fornituri;

(f) dokumenti tal-kontabbiltà tal-kostijiet u tal-produzzjoni;

(g) dokumenti doganali mill-pajjiż tal-esportazzjoni;

(h) korrispondenza kummerċjali;

(i) deskrizzjonijiet tal-prodott; jew

(j) dikjarazzjonijiet magħmula mill-manifattur jekk ikollhom x'jaqsmu direttament mal-kunsinna inkwistjoni.

Or. en

Emenda 15

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 2b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	2b. Il-Kummissjoni tista' tadotta linji gwida dwar kif tiġi pprovduta l-evidenza xierqa bil-għan li jiġi llimitat il-piż amministrattiv u tiġi ffaċilitata l-konformità tal-SMEs.

Or. en

Emenda 16

Proposta għal regolament
Artikolu 3 - paragrafu 2c (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	2c. L-importazzjonijiet ta' prodotti li għalihom l-azzar ikun ġie mdewweb u mferra' fil-Federazzjoni Russa jew fil-Belarussja ma għandhomx jingħataw

	aċċess għas-suq tal-Unjoni u ma għandhom jibbenefikaw minn ebda kwota tariffarja. Dawn il-prodotti kollha għandhom ikunu soġġetti għal projbizzjoni awtomatika fil-fruntieri esterni tal-Unjoni.

Or. en

Emenda 17

Proposta għal regolament
Artikolu 9 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Sa [***l-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet: daħħal id-data 2 snin wara l-adozzjoni*** ta' dan ***l-abbozz ta' Regolament***] il-Kummissjoni għandha tivvaluta l-ħtieġa li jiġi emendat ***l-kamp ta' applikazzjoni*** tal-prodott ta' dan ir-Regolament, u tista' tissottometti proposta leġiżlattiva biex temenda dan ir-Regolament. Din il-valutazzjoni għandha titwettaq ***perjodikament*** kull ***sentejn wara l-ewwel rieżami***.	1. Sa ***...*** [***sena mid-dħul fis-seħħ*** ta' dan ***ir-Regolament***] il-Kummissjoni għandha tivvaluta l-ħtieġa li jiġi emendat ***l-ambitu*** tal-prodott ta' dan ir-Regolament, u tista' tissottometti proposta leġiżlattiva biex temenda dan ir-Regolament.. Din il-valutazzjoni għandha titwettaq kull ***sena***.

Or. en

Emenda 18

Proposta għal regolament
Artikolu 9 – paragrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	1a. Il-Kummissjoni għandha tipprovdi rapport annwali dwar l-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill. Dak ir-rapport għandu jsir pubbliku.

Or. en

Emenda 19

Proposta għal regolament
Artikolu 9 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Qabel ***l-1 ta' Lulju 2031***, u kull ***ħames snin*** wara dan, il-Kummissjoni għandha tevalwa l-effettività ta' dan ir-Regolament. Tali evalwazzjoni għandha tqis il-persistenza taċ-ċirkostanzi li ġġustifikaw l-adozzjoni ta' dan ir-Regolament u s-sitwazzjoni tal-industrija tal-manifattura tal-azzar tal-Unjoni. Fuq il-bażi ta' dik l-evalwazzjoni, il-Kummissjoni tista' tippreżenta proposta leġiżlattiva biex temenda jew tħassar dan ir-Regolament.	2. Qabel ***... [sentejn mid-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament]***, u kull ***sentejn*** wara dan, il-Kummissjoni għandha tevalwa l-effettività ta' dan ir-Regolament. Tali evalwazzjoni għandha tqis il-persistenza taċ-ċirkostanzi li ġġustifikaw l-adozzjoni ta' dan ir-Regolament u s-sitwazzjoni tal-industrija tal-manifattura tal-azzar tal-Unjoni***, inklużi l-livelli tal-prezzijiet u l-assorbiment tal-kapaċità, kif ukoll il-ktajjen tal-valur downstream***. Fuq il-bażi ta' dik l-evalwazzjoni, il-Kummissjoni tista' tippreżenta proposta leġiżlattiva biex temenda jew tħassar dan ir-Regolament.

Or. en

NOTA SPJEGATTIVA

L-UE teħtieġ settur tal-azzar b'saħħtu, kompetittiv u dekarbonizzat peress li dan is-settur huwa vitali għall-kompetittività, is-sigurtà ekonomika u l-awtonomija strateġika tal-UE. Is-settur tal-azzar huwa essenzjali wkoll għall-għanijiet tad-dekarbonizzazzjoni tal-UE, mhux biss fit-tnaqqis tal-impronta tal-karbonju tagħha stess iżda jikkostitwixxi wkoll input importanti fis-settur tat-teknoloġija ekoloġika. Barra minn hekk, l-azzar huwa kruċjali għat-tisħiħ tal-bażi industrijali tad-difiża tal-Ewropa.

Bħala t-tielet l-akbar industrija tal-manifattura tal-azzar fid-dinja, u bil-produzzjoni tal-azzar f'aktar minn 20 Stat Membru, il-produtturi tal-azzar tal-UE jimpjegaw 300 000 persuna b'mod dirett u jirrappreżentaw b'mod indirett 2,5 miljun impjieg. Għandha rwol importanti f'ħafna ekonomiji reġjonali.

Madankollu, l-isfidi relatati mal-kummerċ li qed jiffaċċja s-settur tal-azzar tal-UE huma dejjem akbar. Il-kapaċità żejda globali li diġà toħloq distorsjoni, li tiġġenera eċċess ta' azzar irħis u pressjoni għolja fuq l-importazzjoni fis-suq tal-UE, li tkompli tiġi ggravata minn azzar iddevjat minn miżuri protettivi ta' diversi sħab kummerċjali tal-UE, hija mistennija li tkompli tiżdied fis-snin li ġejjin. Il-produzzjoni tal-azzar tal-UE naqset b'mod drammatiku f'dawn l-aħħar deċennji u dan wassal għall-għeluq ta' siti u ż-żieda fid-distakk bejn il-livelli tal-produzzjoni u tal-kapaċità. Is-settur tal-azzar Ewropew ma jistax jibqa' kompetittiv jekk livelli ta' profitt dejjem jonqsu ma jippermettux l-investimenti meħtieġa fid-dekarbonizzazzjoni.

Billi l-miżuri ta' salvagwardja proviżorji diġà estiżi stabbiliti f'Lulju 2018 waslu biex jiskadu f'Ġunju 2026, huwa essenzjali li jiġi stabbilit mekkaniżmu robust u bbażat fuq ir-regoli biex is-settur ikun jista' jirkupra, filwaqt li jimmira li jinkiseb pedament imsaħħaħ għal aktar kummerċ ħieles. Is-sitwazzjoni globali tal-azzar, b'mod ġenerali, u l-istat tas-settur tal-azzar Ewropew, b'mod partikolari, jagħmluha ċara li hija meħtieġa miżura b'saħħitha, effettiva u mmirata. F'dan il-kuntest, **ir-Rapporteur** tilqa' l-abbozz ta' proposta leġiżlattiva, li tħabbar fil-Pjan ta' Azzjoni għall-Azzar u l-Metalli (SMAP) f'Marzu 2025. **Ir-Rapporteur** taqbel bis-sħiħ ukoll mal-valutazzjoni li saret mill-President von der Leyen fid-diskors dwar l-Istat tal-Unjoni tagħha f'Settembru 2025 fir-rigward tan-neċessità strateġika li l-industriji tal-UE jiġu protetti minn prattiki kummerċjali inġusti u li jiġu ppreżervati kundizzjonijiet ekwi globali. Fir-rigward tas-sustanza tal-proposta, ir-**Rapporteur** tilqa' l-fatt li din hija pass fid-direzzjoni t-tajba mill-miżura ta' salvagwardja eżistenti. Is-Suq Uniku għandu jibqa' miftuħ għall-kummerċ ibbażat fuq ir-regoli u r-Rapporteur għalhekk tappoġġja bil-qawwa l-fatt li l-kwoti mingħajr tariffi jkomplu jippermettu approċċ ibbażat fuq is-suq filwaqt li l-kapaċità żejda u l-kummerċ iddevjat sussegwenti jiġu ttrattati b'livell ta' dazju ċar lil hinn mill-kwoti. Għall-kalkolu tal-kwoti mingħajr tariffi, ir-**Rapporteur** issib li l-użu tas-sena 2013 bħala s-sena ta' referenza, qabel ma l-kapaċità żejda kellha impatt serju fuq l-Ewropa, jirrappreżenta parametru referenzjarju bbilanċjat u konsistenti mad-WTO. Sabiex ikun hemm flessibbiltà fis-sistema, għandu jkun permess ir-riport ta' kwoti trimestrali mhux użati. Ir-Rapporteur tisħaq fuq l-importanza tar-rekwiżit "tat-Tidwib u tat-Tferrigħ" li se jsaħħaħ it-traċċabbiltà tal-prodott, jiżgura l-oriġni ġenwina tal-inputs tal-azzar, u jnaqqas ir-riskju tal-evażjoni permezz tat-trażbord jew l-ipproċessar minimu.

Il-miżura tal-azzar proposta teħtieġ evalwazzjoni regolari u tippermetti aġġustament sabiex

jiġi żgurat li tikkontribwixxi b’mod effiċjenti għaż-żieda fil-produzzjoni f’kumpaniji kompetittivi ħafna u timxi id f’id mal-isforzi biex jiġu delimitati s-swieq tal-esportazzjoni u l-kooperazzjoni fil-ġlieda kontra l-kapaċità żejda globali flimkien ma’ sħab kummerċjali tal-istess fehma. Ma tistax tkun għodda biex tinżamm ħajja industrija mhux kompetittiva filwaqt li l-problema tiġi mbuttata aktar ’l isfel fil-katina tal-valur. Fuq kollox, produzzjoni kompetittiva tal-azzar tiżgura wkoll li l-UE ma tibnix dipendenza mhux b’saħħitha. Ir-Rapporteur tħares b’mod favorevoli lejn valutazzjonijiet regolari tal-ambitu u temmen li jistgħu jseħħu fuq bażi aktar frekwenti. Rapportar annwali huwa konformi ma’ dan it-tip ta’ strumenti kummerċjali u jippermetti lill-koleġiżlaturi jifhmu kif tevolvi l-implimentazzjoni tad-dimensjonijiet differenti tal-istrument.

Fi żmien meta s-sistema kummerċjali multilaterali hija taħt pressjoni sostnuta, **ir-Rapporteur** tilqa’ b’mod partikolari l-fatt li r-Regolament propost tfassal biex jibqa’ konformi bis-sħiħ mal-obbligi tad-WTO. **Ir-Rapporteur** se ssegwi b’attenzjoni mill-qrib in-negozjati li se jitwettqu mas-sħab kummerċjali affettwati, b’mod partikolari dawk li magħhom l-Unjoni tkun ikkonkludiet, jew hija fil-proċess li tikkonkludi, Ftehimiet ta’ Kummerċ Ħieles, sabiex jiġu żgurati ċ-ċarezza legali, il-prevedibbiltà u l-integrità kontinwa tal-arkitettura tad-difiża kummerċjali tal-UE.

Ir-**Rapporteur** temmen ukoll li għandha titqies kif xieraq is-sitwazzjoni speċifika tal-pajjiż kandidat tal-UE, l-Ukrajna. Konsegwentement, f’konformità mal-impenn tal-Unjoni li tappoġġja l-ekonomija tal-Ukrajna waqt il-gwerra ta’ aggressjoni li għaddejja kontriha kif ukoll f’konsistenza mal-ftehim politiku dwar ir-Regolament 2025/1153 (COD), għandu jiġi kkonfermat nuqqas ta’ applikazzjoni tal-Artikolu 1. Bl-istess mod, ir-Regolament għandu jindirizza kwalunkwe lakuna potenzjali li tista’ tippermetti l-importazzjoni diretta jew indiretta ta’ oġġetti li joriġinaw mir-Russja, finanzjament ulterjuri tal-attivitajiet ostili Russi kontinwi u l-imminar tal-paċi u l-istabbiltà Ewropej.

Filwaqt li l-koleġiżlaturi għandhom jitħallew iwettqu l-ħidma tagħhom, fid-dawl tal-kobor tal-isfidi ffaċċjati mis-settur tal-azzar u l-urġenza li tiġi pprovduta ċertezza legali u ekonomika, ir-**Rapporteur** temmen li l-proċess demokratiku għandu jimxi ’l quddiem mingħajr dewmien sabiex ir-Regolament ikun jista’ jidħol fis-seħħ fil-ħin.

ANNESS: ENTITAJIET JEW PERSUNI LI R-RAPPORTEUR IRĊEVIET KONTRIBUT MINGĦANDHOM

F'konformità mal-Artikolu 8 tal-Anness I tar-Regoli ta' Proċedura, ir-rapporteur tiddikjara li rċeviet kontribut mill-entitajiet jew il-persuni li ġejjin fit-tħejjija tal-abbozz ta' rapport, sal-adozzjoni tiegħu fil-kumitat:

Entità u/jew persuna
Thyssenkrupp
Eurofer
Jernkontoret
European Steel Processors Association
Metal Packaging Europe External Affairs ASBL
Orgalim – Europe's Technology Industries
Kommerskollegium - National Board of Trade Sweden
Permanent representation of Sweden to the EU
Permanent representation of Finland to the EU
Mission of Switzerland to the EU

Il-lista ta' hawn fuq hija mfassla taħt ir-responsabbiltà esklużiva tar-rapporteur.

Meta persuni fiżiċi jkunu identifikati fil-lista b'isimhom, bil-funzjoni tagħhom jew bit-tnejn, ir-rapporteur tiddikjara li ppreżentat lill-persuni fiżiċi kkonċernati l-Avviż tal-Parlament Ewropew Nru 484 dwar il-Protezzjoni tad-Data (https://www.europarl.europa.eu/data-protect/index.do), li jistabbilixxi l-kundizzjonijiet applikabbli għall-ipproċessar tad-data personali tagħhom u d-drittijiet marbuta ma' dak l-ipproċessar.